**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 18

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 23 ta' Settembru, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm l-ebda membru assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 17

18.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sbatax-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

18.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

18.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Carl Betts, l-minuti tas-sbatax-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.3.1 Is-Sur Dalli qal li l-kuntrattur ta' Triq il-Forn Sqaq nru 6 kważi lest mix-xogħol. Dan fadallu biss il-finishing u filfatt issa beda bil-preparamenti biex jibda Sqaq il-Kunċizzjoni Nru 1.

18.3.2 Is-Sur Dalli tkellem rigward it-tabelli fi Triq K.Ferretti. Huwa spjega kif ġiet inkluża tabella ndikattiva biex tikser il-fuq u rigward il-heavy vehicles pparkjati, huwa għamel kuntatt mas-sid u t-trakk involut tneħħa u l-każ tal-vann għadda għall-attenzjoni u l-għajnuna tal-Community Policing.

18.3.3 Is-Sindku tkellem fuq it-traffic management ġewwa Ħal Lija. Huwa qal kif apparti li dwar dan is-suġġett diġà kien hemm mistoqsija lilu, li ser tiġi diskussa aktar tard fis-seduta, biex kemm jista jkun tiġi mnaqqsa l-problema ta' traffiku, il-Kunsill ser ikun qed jimxi mal-istruzzjonijiet ta' TM li jinħarġu kull sena, speċjalment meta tibda l-iskola u bħala Sindku ukoll talab għal għajnuna u tkellem mal-community police.

18.3.4 Is-Sur Dalli wara ta update fuq Ġnien Merino. Huwa spjega kif il-Kunsill reġgħa għamel kuntatt ma' Project Green u ġie nfurmat li kif diġà kienu avżaw lil Kunsill ftit ilu, ix-xogħol kellu jibda 08/07/025 pero dan ma bediex għax kien jonqos xi clearance tal-BCA.

18.3.5 Is-Sindku, Anthony Dalli, qal kif il-ġimgħa l-oħra kien mistieden għal seduta organizzata mill-AKL flimkien ma' TM dwar inizjattiva 'Mobility for Everyone'. Huwa spjega kif hemm spazju tajjeb li fih il-Kunsill jista jissieħeb f'dan il-proġett hekk importanti għar-residenti ta' kull eta fil-lokal ta' Ħal Lija. Għalhekk is-Sur Dalli kompli jgħid kif hu issa talab għal laqgħa ohra mal-kordinatriċi ta' TM ta' dan il-proġett, li għanda ħafna esperjenza fil-qasam, biex kemm il-darba l-Kunsill idaħħal applikazzjoni għal xi proġetti din tkun waħda professjonali mill-ewwel u ta' suċċess.

18.3.6 Is-Sindku Anthony Dalli tkellem daqsxejn dwar Triq il-Mosta. Huwa qal kif fi Triq il-Mosta barra l-problema kif taqsam lejn iċ-ċimiterju, inħolqot problema oħra tar-residenti li joqgħodu Ta' Senna. Dawn sa ftit ilu kellhom mezz kif jaqsmu minn naħa għal l-oħra u però minħabba ż-żewġ inċidenti li saru fl-aħħar ġimgħat fi Triq il-Mosta, ingħata parir mill-Pulizija biex isiru l-bollards u b'hekk ingħalaq l-aċċess għal Triq Agostino Portelli u minn ġej mill-Mosta ma jistax jibqa jdur. Is-Sindku kompla jgħid kif il-bieraħ ġie mitlub minn xi resdienti tal-akwati biex jiltaqgha magħhom fil-post u hekk sar. Huwa ġabar l-ilmenti kollha tagħhom u nfurmahom li l-aħħar komunikazzjoni li kellu l-Kunsill ma' TM huwa li se jsir xi upgrade mir-roundabout tal-Mercedes sar roundabout ta' Ħal Lija. Il-Periti nkarigati minn dan il-proġett wegħdu lis-Sindku kif ser jikkomunikaw miegħu u mal-Kunsill meta l-pjanti ikunu lesti. Is-Sur Dalli qal kif huwa qed jaħseb u jispera ukoll li barra l-problema taċ-Ċimiterju tissolva anke il-problema ta' dawn ir-residenti.

## 18.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

18.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub kien hemm sitta mibgħutha b'imejl mingħand is-Sa Diane Abela Penza, li risposta għalihom diġà ingħatat lilha b'imejl mis-Segretarju Eżekuttiv wara konsultazzjoni mas-Sindku. Kopja tal-mistoqsijiet u risposti huma annessi mal-minuti.

18.4.2 Is-Sindku reġgħa spjega r-risposti għal kull mistoqsija kif intbgħatu bl-imejl. Is-Sa Abela Penza ħadet nota tar-risposti.

## 18.5 Korrispondenza

18.5.1 Mistoqsijiet kbar dwar ir-rapport tal-korrispondenza ma kienx hemm.

## 18.6 Preparazzjonijiet Milied 2025

18.6.1 Is-Sindku spjega kif ser ikun qed isir it-tiżjien u l-armar fit-toroq għal żmien il-Milied 2025. Huwa qal kif is-siġar kollha bħal kull sena, fil-Pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni ser jintramaw bil-fairy lights.

18.6.2 Ser isir tiżjien bil-fustun, it-tip ta' kif jintrama waqt il-Festa tas-Salvatur, flimkien ma' xi disinji, mad-dawra ż-żgħira, li tikkonsisti minn parti fi Triq Sir Ugo Mifsud, Triq il-Forn kollha, parti minn Triq il-Kbira u Triq il-Knisja. Is-Sur Dalli kompla jispega kif il-Kunsill diġà kien jagħmel tlett disinji f'din id-dawra u issa qed jipproponi li apparti dawn isiru tlieta oħra. Bħal dejjem il-Fustun tad-disinji huwa spejjeż għall-Kunsill Lokali, inkluż iċ-cherry picker u l-main tad-dawl.

18.6.3 Is-Sur Dalli qal kif din is-sena l-ħsieb huwa li terġa tibda tintrama il-Christmas tree, din id-darba fuq iz-zuntier, in-naħa tal-uffiċċju tal-Kappillan. Għalhekk jaf tkun il-ħtieġa li l-Kunsill jinvesti fi aktar fustuni tal-fairy lights u żewġ ċrieki fejn jintrabtu l-fairy lights minn fuq għal isfel.

18.6.4 Il-Kunsilliera ħadu nota tal-punti msemmija u ġew nfurmati li l-amministrazzjoni qed tieħu ħsieb iġġib il-prezzijiet tal-ispejjeż involuti. Is-Sinjura Farrugia Muscia staqsiet jekk alijistajkun ux se tintrama Triq il-Kunċizzjoni fejn il-mużew tas-subien peress li minn hemm tgħaddi purċissjoni. Is-Sindku kkonferma li din it-Triq mhux ser tkun qed tintrama għaliex l-ispiża nkella tiżdied.

18.6.5 Is-Sindku wara kompla jitkellem dwar l-attivitajiet li hemm pjan biex jiġu organizzati għal żmien il-Milied. Il-Pjan huwa kif spjegat hawn taħt, però bħala dati xejn mhu fiss u jaf jinbdlu l-ġranet skond ċertu esiġenzi/bżonn:

1. Il-Ħadd 7 u t-Tnejn 8 ta' Diċembru 2025 – se jiġi organizzat il-Christmas Market flimkien mal-Għaqdiet tal-lokal fuq iz-zuntier u l-madwar tal-Knisja Parrokjali. Pero bħala dati dawn diġà jafu jinbidlu minħabba li l-Ħadd 7 ta' Diċembru hemm iċ-ċerimonji tal-griżma diġà.
2. Il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2025 – tiġi organizzatha l-ikla f'nofsinhar għall-Kunsill u l-istaff kollu tal-Kunsill. Il-Kunsillier Betts rrimarka li bejn id-19 u it-23 ta' Diċembru, hu ma jistax qatt.
3. It-Tnejn 22 ta' Diċembru 2025 – Ikla għall-anzjani fis-sala Villa Lija f'nofsinhar. – bħala servizz mingħand Barigozzi.
4. It-Tlieta 23 ta' Diċembru 2025 – Attivita Mother Christmas u ELF iqassmu r-rigali lit-tfal fid-djar.
5. Is-Sibt 27 ta' Diċembru 2025 – Jiġi organizzat choir li janima il-quddiesa tas-sibt filgħaxija u wara sat-8:00pm umbagħad jitkompla l-carol singing fil-Knisja Parrokjali.
6. It-Tnejn 29 ta' Diċembru 2025 – Bibita tal-okkażjoni tal-Festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena ġo Villa Lija. – Dwar din l-attivita s-Sindku fakkar li fi seduti preċedenti kienet bdiet diskussjoni biex din il-bibita l-Kunsill jikkunsidra jekk tibqax ssir jew le minħabba nuqqas ta' attendenza. Huwa staqsa lil Kunsilliera jekk jsibux oġġezzjoni li l-Kunsill jiprova tal-aħħar biex titella l-attivita u jekk l-outcome jerġa jkun ħażin filkas sena oħra ma ssirx u tiġi trasferita fi Jum Ħal Lija. Il-Kunsilliera qablu. Ser tkun qed tiġi b'reqqa preparatha lista ta' nies li ser jiġu invitati għal din l-bibita. Aktar informazzjoni l-quddiem.

## 18.7 Preparazzjonijiet Festival taċ-Ċitru 2026

18.7.1 Il-Kunsilliera ġew infurmati kif il-Festival taċ-Ċitru tal-President huwa kkonfermat li ser jitella fit-18 ta' Jannar jiġifieri dak il-Ħadd irid jiġi evitat u l-Kunsill mhux ideali jagħżel din il-ġurnata. Is-Sindku qal kif issa id-data tal-Kunsill tal-Festival taċ-ċitru filfatt ser timxi għal 25 ta' Jannar 2025. Fondi ser jittieħdu mill-iskema tal-Gvern tal-attivitajiet kulturali. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota.

18.7.2 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif daqt ser jibdew ċertu preparamenti relatati ma’ dan il-festival għaliex jixtieq li kollox jkun lest sal-bidu ta’ Diċembru. Għalhekk huwa qal lil Kunsilliera biex jekk għandhom xi ideat jew suġġerimenti għandhom jintbgħatu minnu fih lis-Segretarju Eżekuttiv biex dawn jiġu kkunsidrati fil-programm. Is-Sindku kompla jgħid kif diġà rċieva xi suġġerimenti mingħand il-Kunsilliera Abela Penza li dawn ser ikunu qed jiġu kkunsidrati fil-preparamenti.

18.7.3 Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill xorta jrid joqgħod attent għal dak li jissuġġerrixi bħala attivitajiet, għaliex finalment il-Kunsill għandu dmir li jagħmel insurance u risk assessment ta’ kollox, u ċertu attivitajiet li jaf għandhom aktar riskju minn oħrajn, sintendi ser jgħollu l-ispiża tal-insurance aktar. Il-Kunsilliera ħadu nota.

18.7.4 Is-Sur Dalli qal li dan il-festival dejjem intlaqa tajjeb bħala feedback kemm ilu jsir fil-Pjazza u għalhekk ideali li l-Kunsill jaħseb biex ikabbar aktar dan l-festival u jinbidlu ċertu attivitajiet biex jattira lil aktar nies u mhux dejjem isir kollox l-istess u jkun hemm aktar kreazzjoni u inizjattivi. Huwa qal kif qed jiprova jġib grupp tal-agrikultura ġdid u jixtieq isib lil xi dulċier li bih l-Kunsill ikun fiċ-ċans li jikser record ta’ l-aktar zeppola bit-toma tal-larinġ eżempju. Din hija idea sabiħa jekk tirnexxi. Il-Kunsilliera nteressathom din l-inizjattiva.

18.7.5 Il-Kunsillier Abela Penza staqsiet lis-Sindku jekk mhux ser jiżdiedu aktar stalls, però s-Sindku wieġeb kif is-sena li għaddiet l-Kunsill spiċċa rrifjutha bejjiegħa u aktar stalls anzi minħabba nuqqas ta’ spazju. Il-Kunsill aktar irid jaħseb sew rigward x’ser ipoġġi fuq l-istalls din id-darba. Filfatt ser ikun qed ssir vetting dwar il-bejgħ li jsir minn fuq l-istalls biex kemm jista jkun għas-sena 2026, il-festival jitella bi daqsxejn differenza.

18.7.6 Aktar diskussjonijiet fid-dettal ser jitkomplu fi seduti li ġejjien.

## 18.8 Ġnien Merino – Konstultazzjoni dwar isem ġdid

18.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda lista ta’ ismijiet li ġew proposti. Kopja ta’ din il-lista ngħatat lil Kunsilliera kollha dak il-ħin.

18.8.2 Wara diskussjoni żgħira li saret bejn il-membri kollha ġie unanimament deċiż li l-ġnien jissemma ‘Ġnien il-Larinġ’, bil-kundizzjoni li f’dan il-ġnien ser jitħawlu s-siġar tal-larinġ. Is-Sindku ser jikkonferma dan u ser jeġa ikellem lil perita nkarigatha, biex jekk filkas mhux ser ikun hemm siġar tal-larinġ, il-Kunsill għandu dritt jerġa jikkonsulta u jagħżel isem ieħor.

## 18.9 Items oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

18.9.1.1 <u>Tender Opening Report – Manutenzjoni tal-Parks u Ġonna (second issue)</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta’ evalwazzjoni tat-tender tal-parks u l-ġonna, li reġgħa ħareġ għat-tieni darba. Kopja tar-rapport intbgħat lil Kunsilliera b’imejl qabel il-laqgħa. Hija fil-qosor spjegat kif ir-rapport fih jispjega li hemm 5 bidders li tefgħu l-offerta tagħhom.

18.9.1.2 Hija kompliet tispjega kif fil-jiem li ġejjien dawn l-offerti ser jibdew jiġu evalwati mill-bord li jinħatar is-soltu li jikkonsisti minn, Chris Falzon, Romina Perici Ferrante u Dr. Errol Cutajar jew Duncan Hall. Il-Kunsilliera lkoll qablu. Il-Kunsill ser jinżamm infurmat bi żviluppi dwar din l-evalwazzjoni.

18.9.2.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Side stepper vann tal-anzjani</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ressqu għal kunsiderazzjoni biex tiġi nstallatha side stepper fuq il-vann electric tal-anzjani. Din hemm bżonnha ħafna u ser tgħin lil ħafna anzjani li jagħmlu użu mill-vann fuq bażi frekwenti.

18.9.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif hija tkelmet ma’ kunsill ieħor fil-viċinanzi li għandu din l-istepper, fejn ingħatat id-dettalji ta’ persuna li jaf jagħmel din l-istepper u qisu bejn wieħed u ieħor din jaf tiġi tiswa bejn €2,500 – €3,000. Hija kompliet tgħid kif kemm il-darba m’hemmx oġġezzjonijiet jekk filkas il-vann jittieħed għal spezzjoni għand dan il-persuna biex tkun tista tiġi mgħottija l-ispiża eżatti. Il-Kunsill anke ser ifittex għal aktar persuni li jagħmlu dan it-tip ta’ xogħol biex ikollu aktar xelta, kemm il-darba jsib.

18.9.2.3 Oġġezzjonijiet ma kienx hemm u l-Kunsilliera qablu ma’ din l-implimentazzjoni.

18.9.3.1 <u>Diskussjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-fitness classes</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-Kunsill irrid jerġa jiddiskuti jekk jixtieqx li jkompli jsiru il-fitness classes abbażi tal-informazzjoni riċenti li ġabet is-Sa Abela Penza mingħand l-instructor, u trid tittieħed ukoll deċiżjoni dwar jekk il-Kunsill ux ser ikompli jagħmel sussidju u kemm.

18.9.3.2 L-informazzjoni li ġabet is-Sa Abela Penza tikkonsisti fi:

- Kontinwazzjoni, kemm il-darba jkun hemm qbil, mill-Ħamis 6 ta' Novembru fi 18:00hrs;
- Il-prezz ser jibqa dak ta' 6 EUR per session;
- Post – Villa Lia;
- Għal kull tip jew aktar informazzjoni l-instructor ser tilqa u twieġeb l-mistoqsijiet tar-residenti hi direttament.

18.9.3.3 Is-Sa Seguna qalet li issa l-Kunsill kull ma jrid jiddeċiedi jekk mhux ser jaċċetta li jitkomplew dawn il-classes u kif ukoll jekk il-prezz għar-residenti ta' Ħal Lija biss mhux ser ikun sussidjat u jekk filkas kemm.

18.9.3.4 Wara diskussjoni, kien hemm qbil biex dawn il-classes jitkomplew mis-6 ta' Novembru. Il-prezz hu li hu għan-nies barra mir-raħal u sussidjar ser isir biss ta' 1 EUR *(per person)* għar-residenti ta' Ħal Lija.

## 18.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

18.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 09/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €77.64 għax-xahar ta' Awwissu 2025.

18.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 09/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Diane Abela Penza. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 18.11 Mozzjonijiet

18.11.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 18.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

18.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rapreżentazzjoni dwarhom:
PA 05282/24 – 24,26, Triq il-Forn, Lija (Deadline 9th September 2025)
PA 03334/25 – 11/13/15, Triq il-Kunċizzjoni and 25, Triq il-Kunċizzjoni, sqaq nru.1, Lija ( Deadline 3rd October 2025)
PA 03749/25 – 95 (previously 166), Triq Il-Kbira, Triq Giuseppe Cali, Lija (Deadline 3rd October 2025)
PA 05592/25 – 9 (formerly St, Joseph), Triq Karlu Darmanin, Lija (Deadline 3rd October 2025)
PA 05929/25 – 5, Triq Ħal Bordi, Lija (Deadline 2nd October 2025)
PA 05994/25 – 35, Triq il-Kbira, Lija (Deadline 17th October 2025)

18.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jiproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

18.12.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, isiru ittri ta' rappreżentazzjoni fuq:
PA 05592/25 – 9 (formerly St, Joseph), Triq Karlu Darmanin, Lija (Deadline 3rd October 2025)
PA 05929/25 – 5, Triq Ħal Bordi, Lija (Deadline 2nd October 2025)

18.12.4 Il-Membri kollha għamlu stqarrija fejn qablu u reġgħu għamluha ċara li l-Kunsill joġġezzjoni biss meta applikazzjoni tkun fi jew tmiss mal-UCA jew inkella mhux skond il-local plan. Ilbqija l-Kunsill mhux ser joġġezzjona speċjalment meta r-raġuni tkun biss dik biex jiġu mfakkra terza entitajiet/dipartimenti biex jikkumentaw.

## 18.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

18.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

18.13.2 Il-Viċi Sindku qal kif qed jaħdem biex fil-qrib tiġi organizzatha ħarġa kulturali għall-anzjani. Huwa ser jiprova li din tiġi organizzatha għal qisu l-aħħar t'Ottubru pero sissa data u post għadt m'għandux. Huwa issa ser jiltaqa u jitħadded mal-Kumitat li kien ġie organizzat propju għal dan l-iskop.

18.13.3 Il-Viċi Sindku Calcedonio Cini, qal kif resident avviċinah biex issir sleeping policeman ħdejn l-ispiżerija ta' Triq Annibale Preca kantuniera ma' Triq Żnuber. Din it-talba ser tiġi mgħoddija għal kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.

18.13.4 Fuq talba ta' cat feeder, il-Kap tal-Minoranza staqsiet jekk il-Kunsill jistax jagħmel avviż fejn ikun qed jinbena il-bini speċjalment, biex kuntratturi li fuq is-sit isibu xi qtates, jinfurmaw lil Kunsill. Il-Kunsill umbgħad iċempel lil din il-cat feeder biex tmur tiġbor il-qtates. Is-Sindku ħa nkunsiderazzjoni dan is-suġġeriment.

18.13.5 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia staqsiet jekk il-Kunsill jaqbilx li ssir back to School campaign, fejn nies iġibu stationary ġdid biex dawn umbgħad jitqassmu lil min hu inqas ixxurtjat, lil tfal li għaddejjin min xi social cases jew bħal ġo xi istitut. Il-Membri kollha ħadu nota però din hija xi ħaġa li riedet issir ferm qabel ma tibda l-iskola.

18.13.6 Il-Kap tal-Minoranza qalet ukoll li l-attivita tat-tisjir intlaqgħet ferm tajjeb u hemm xewqa biex issir oħra simili però ġol-ITS għaliex il-kċina tkun aktar atrezzatha għal ċertu tisjir minn dik tal-Kunsill. Filfatt ser ikun qed isir meeting ieħor bejn il-Kunsill u l-ITS biex naraw x'jista jiġi ssuġġeriet bħala attività oħra.

18.13.7 Il-Kunsillier Abela Penza staqsiet jekk tistax issir xi ħaġa kulturali fil-pjazza bħal jitpenġa passju permanenti, biex terġa titqajjem ċertu tradizzjoni ta' logħob qalb it-tfal. Is-Sindku qal kif ħaġa bħal din aktar ideali ssir fil-ġnien ċentru rikreattiv ħdejn il-gazebo u jeżisti piping apposta għaliex iż-żebgħa maż-żmien titlaq.

18.13.8 Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk isibux oġġezzjoni biex jinxtraw żewġ bankijiet bħal tal-picnics u dawn jitpoġġew ġol-ġnien biex jitgawdew minn kulħadd fl-akwata fejn il-gazebo, biex dak li jkun jista jqatta aktar ħin ta' rikreazzjoni fil-ġnien. Is-Sa Abela Penza ssuġeriet biex dawn jitpoġġew fl-area li hemm bil-ħamrija fejn il-passaġġ, però s-Sindku qal kif huwa aktar prattiku li jitpoġġew viċin l-entratura fejn il-gazebo, x'ħin wieħed jinżel mit-taraġ.

18.13.9 Il-Kunsillier Betts qal kif il-Kunsill tat-tfal baqa jopera tajjeb ħafna u fil-laqgħa li jmiss kien ser jissuġġerrixilhom biex jekk iridu jipparteċipaw fi Ċitru u l-Milied, però xtaq jivverifika dan mal-Kunsill qabel ma jkellem lit-tfal. Is-Sindku u l-kumplament tal-membri ma sabux oġġezzjoni.

18.13.10 Il-Ħin kien 18:45pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil- 5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |